**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 530/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**STEFAN LEKOV**
(ID:0157758A)

**Illum, 11 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **STEFAN LEKOV** ta' 22 sena, bin Predrag u Zaklina nee` Ivanovic, imwieled is-Serbia nhar it-22 ta' Mejju 1994, residenti gewwa Flat no:5, Olive Crt, Triq il-Bahhara San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru: 0157758A tressaq quddiemha akkuzat talli:-

Nhar it-18 ta' Settembru 2016 bejn l-04.00 hrs u 04.30 hrs f'San Giljan u fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fathi Elhadi Eldeeb;

2. Talli fi glieda accidentali, ha parti attiva meta wettaq griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Fathi Elhadi Eldeeb;

3. Talli qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel offiza fuq il-persuni ta' Fathi Elhadi Eldeeb;

4. Talli hadem bhala gwardjan privat jew offra s-servizzi tieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta' Marzu 2018 permezz ta' liema baghat lill-imputat Stefan Lekov biex jigi aggudikat minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mahsub fis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Ligi:-

1. Fl-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 237(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 238(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 3 u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja minn din il-Qorti[1];

[1] 22 ta' Marzu 2018, fol.220.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza[2] u mill-Prosekuzzjoni[3];

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' April 2019 il-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

## <u>L-Istqarrija tal-Imputat</u>

Il-Qorti qieghda qabel xejn tqanqal *sponta sua* l-inammissibbilita` bhala prova tal-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat fid-9 ta' Ottubru 2016 li tinsab esebita a fol. 8 *et seq.* tal-atti[4]. Dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet

[2] 10 ta' April 2019.

[3] Fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2019.

[4] Dok. NS2.

minghand l-imputat minghajr lanqas ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-istess istqarrija. Wara kollox, il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[5] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[6], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[7], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

In propositu, fil-kaz **Dayanan vs Turkey**[8], il-Qorti Ewropea kienet irriteniet awtorevolment illi:-

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*

[5] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.

[6] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.

[7] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.

[8] Appl. No. 7377/03 deciz 13/10/2009.

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, <u>and not only while being questioned</u> (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."* (sottolinejar tal-Qorti)

Illi fid-9 ta' Ottubru 2016, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, ghaliex dak iz-zmien id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi, anke fil-kaz odjern fejn l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti, irrispettivament mill-fatt illi s-suspettat seta' zamm is-silenzju jew ma jkunx ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti waqt l-interrogazzjoni. Il-korollarju necessarju ta' dan huwa illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni minghajr dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ghandha titqies bi skrutinju strett fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna. Kif intqal

recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Christopher Bartolo vs L-Avukat Generali et**[9]:-

*"F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor.*"

Mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li jkun ghaqli li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq, m'hijiex sejra taghmel uzu mill-kontenut tal-imsemmija stqarrija tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tgharbel il-provi mressqa quddiemha biex abbazi tar-rizultanzi ta' dawn il-provi u minghajr ebda referenza ghat-twegibiet moghtija mill-imputat ghad-domandi li sarulu waqt l-interrogazzjoni, x'kien l-involviment tieghu fl-avvenimenti li sehhew fit-18 ta' Settembru 2016 bejn l-4.00 a.m. u l-4.30 a.m. gewwa San Giljan fejn indarab gravi l-parte civile.

## <u>Provi</u>

Mill-provi huwa stabbilit illi kien hemm diversi persuni illi fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni, cioe` ghal-habta tal-4.00 a.m. fit-18 ta' Settembru 2016, ippartecipaw fi glieda li sehhet gewwa Santa Rita Steps, Paceville, li fiha

[9] Deciza 5 ta' Ottubru 2018.

allegatament wegga' gravi il-parte civile, Fathi Elhaidi Eldeeb. L-Ispettur Nikolai Sant fix-xhieda tieghu jafferma dan u qal illi mill-investigazzjonijiet li ghamel huwa stabbilixxa illi kien hemm madwar ghaxar persuni involuti fil-kommozzjoni li nqalghet bejn tliet persuni Libjani, fosthom il-parte civile, u diversi *security guards* barranin. Jghid illi s-*security guards* kienu hargu mill-istabbiliment Bar Native, l-istabbiliment Bacco's u jista' jkun ukoll minn xi clubs ohrajn fil-vicin.

Dan il-fatt jinsab affermat ulterjorment mix-xhieda tal-parte civile u taz-zewg xiehda okulari l-ohra li xehdu f'dawn il-proceduri, li lkoll qalu li huma gew aggrediti minn iktar minn persuna wahda.

Fix-xhieda tieghu, il-parte civile xehed hekk:-

"*... they the bouncers they collect the gathering together they were like ten and after and they start chasing us in that show near the intercontinental because I was, I was bleeding everywhere my eyes was closed ... And they were like seven bouncers behind me they catch me in that place and they kept beating me till I lost consciousness in that place.*"[10]

**L-Ispettur Nikolai Sant** li mexxa l-investigazzjonijiet li saru in konnessjoni mar-rapport li ghamel il-kwerelant Fathi Elhadi Eldeeb, xehed illi mill-investigazzjonijiet jirrizulta illi persuna ta' nazzjonalita` barranija kien tkecca minn gol-Bar Native, li jinsab fit-Tarag ta' Santa Rita, gewwa Paceville, u nqala' argument bejn din il-persuna li kien ma' hu l-allegat vittma, ta' nazzjonalita` Libjana, u bejn diversi *security guards* illi hargu mill-istabbiliment in kwistjoni kif

[10] Fol. 51.

ukoll mill-istabbiliment bl-isem Bar Bacco li jinsab faccata. Xehed ukoll illi mill-filmati illi gew elevati mill-Pulizija mill-istabbiliment Bar Native ma gewx jidhru ucuh il-persuni involuti fil-kommossjoni li nqalghet bejn dawn iz-zewg persuni u s-*security guards*.

L-Ispettur Sant gie infurmat ukoll mill-allegat vittma, Fathi Elhadi Eldeeb, illi huwa hareg minn Bar Native u ltaqa' ma' din il-kommossjoni u meta hareg idejh 'il barra biex jipprotegi lilu nnifsu, huwa safa aggredit minn numru ta' *security guards* li daru ghalih, aggredewh u baqghu jigru warajh, nizlu t-tarag ta' St. Rita Steps, daru l-kantuniera direzzjoni tal-lukanda Intercontintenal u spiccaw go xi sqaq ituh bis-sieq u bil-ponn.

Dwar l-imputat, l-Ispettur Sant xehed illi l-allegat vittma identifikah bhala wiehed mid-diversi persuni li aggredewh u qal illi meta huwa kkonfrontah bl-imputat u talbu jekk kienx cert li l-istess imputat kien wiehed mill-aggressuri tieghu, l-allegat vittma, quddiem l-imputat, ikkonfermalu li kien wiehed minnhom u identifikah. Huwa xehed hekk fir-rigward:-

"*Kif hareg is-Sur Fathi mill-Isptar kont stedintu biex jirrapporta l-Ghassa ta' San Giljan halli jkun jista' jidentifika flimkien mal-pulizija l-persuni jew persuna illi kienet involuta f'dana l-argument. Fil-fatt kien gie gurnata minnhom u kien identifika lis-Sur Stefan Lekov… bhala wiehed minn dawk id-diversi persuni li kienu aggredewh. Fil-fatt, jiena kont ikkonfrontajthom kemm lill-allegat vittma u kemm lill-imputat fejn talbtu jkun cert li zgur wiehed mill-aggressuri li kien*

*qggredih u quddiemu stess kien qalli iva, dan kien wiehed minnhom, qalli u qed naghrfu.*"[11]

In kontro-ezami, dan ix-xhud ikkonferma wkoll illi effettivament, seta' kien hemm iktar minn ghaxar persuni involuti fil-kommozzjoni u illi l-uniku CCTV camera li qabdet filmati relevanti kienet il-camera fl-istabbiliment Bar Native li madanakollu, qabdet biss il-lok fejn bdiet il-kommozzjoni u mhux ukoll il-post l-iehor fejn l-iktar li qala' swat l-allegat vittma.

In propositu, il-Qorti rat il-fotogrammi li gew esebiti fl-atti u li allegatament inhargu mill-imsemmi filmat tas-CCTV, u ma tista' taghraf la l-parte civile Fathi Elhaidi Eldeeb u lanqas tikkonkludi b'certezza illi l-imputat huwa wiehed mill-persuni li jidhru fir-ritratti, wisq anqas wiehed mill-persuni li allegatament aggredixxu lill-istess parte civile, u dan sew minhabba l-moviment evidenti li kien hemm meta ttiehdu dawn il-fotogrammi kif ukoll minhabba l-kwalita` pjuttost skarsa taghhom. Barra minn hekk, skont kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert mahtur mill-Qorti biex johrog dawn il-fotogrammi, jirrizulta illi l-filmati li minnhom inhargu dawn il-fotogrammi:-

"*... mhumiex filmati direttament skarikati minn DVR jew CCTV izda minn recording minn oggett [possibbilment smartphone] liema oggett kien qieghed jiehu recording tal-filmati murija fuq monitor.*"

**L-allegat vittma, Fathi Elhadi Eldeeb** xehed illi huwa kien ma' huh Mohammed Elhadi Eldeeb u l-habib taghhom Salem Ibrahim Shabusha fl-istabbiliment Bar

[11] Fol. 23.

Native u damu hemmhekk jixorbu sa cirka l-4.00 a.m. tat-18 ta' Settembru 2016 meta l-*bouncers* tal-istabbiment keccew lil Ibrahim Shabusha. Qal li meta dan siehbu hareg mill-istabbiliment, u hareg huh warajh, il-*bouncers* bdew isawtu lil Ibrahim Shabusha. Sadanittant, ix-xhud qal illi huwa kien ghadu gewwa u ma rax kif beda l-argument izda minn gewwa seta' jara x'kien ghaddej u kif ra lil huh jipprova jikkalma s-sitwazzjoni, rahom iduru ghal huh ukoll. Kompla jispjega illi meta hareg mill-istabbiliment ghall-bidu kien hemm zewg *bouncers*, it-tnejn minghajr xaghar, wiehed kien twil u l-iehor qasir u bdew jitkellmu f'lingwa li ma gharafhiex ghaliex la ma kienet Maltija u lanqas Ingliza, u f'daqqa wahda bdew hergin *bouncers* minn kullimkien, minn Bar Native, minn Bacco kif ukoll minn fuq. Ix-xhud qal li huwa pprova jipprotegi lilu nnifsu billi tella' idejh u **l-*bouncers* bdew isawtu lilu u lil huh u lil Ibrahim Shabusha. Ix-xhud, waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, identifika lill-imputat bhala wiehed minn dawn il-bouncers illi aggredih: "*I remember his face 100%*"**. Jghid ukoll wara li aggredewh huwa waqa' fl-art u fir-rigward tal-imputat, qal li huwa sawtu bil-ponn u biz-zarbun.

Ix-xhud jghid ukoll li jiftakar illi kif ra lil s-siehbu Ibrahim Shabusha mal-art mitluf minn senish, telaq jigri ma' huh, nizlu t-tarag u waqfu vicin l-istabbilment tal-E-Cabs sabiex jistennew jaraw x'kien gralu Ibrahim. Dak il-hin, madwar ghaxar *bouncers* inghaqdu u bdew jigru warajhom izda x-xhud qal illi **billi kien wegga' u kellu ghajnejh maghluqin u d-demm hiereg minn kullimkien, kellu jiggwidah huh biex jahrab**.

Fir-rigward ta' dak li sehh meta lahquh il-*bouncers* li kienu qed isegwu lilu u lil huh, Fathi Elhaidi Eldeeb jispjega illi kif waslu f'dahla ta' garaxx bejn zewg binijiet, lahquhom madwar seba' *bouncers* u baqghu jsawtuh sakemm intilef minn sensih f'dak l-istess post. Ix-xhud ma kienx cert jekk huh kienx mieghu meta gie

aggredit fil-post appena deskritt minnu, ghalkemm kienu qeghdin jaharbu flimkien, izda ftit wara gie u hadu l-Ghassa tal-Pulizija. Ix-xhud iddeskriva kif qabel intilef minn sensih huwa hass li kien qed jaqla' daqqiet bis-sieq, u spjega li kellu tbengil kullimkien. Spjega illi huwa hass li kien qed jissawat b'daqqiet minn zarbun u ma kienx ra d-daqqiet tas-sieq.

Mistoqsi jfisser f'liema parti tal-aggrediment kien involut l-imputat, ix-xhud qal hekk:-

"*Actually I can't say I mean in specific place like in this place, but were like in that way* ***in that small street near the Native and Bacco it was like stairs*** *and even when they kept chasing me I was looking behind he was one of them. ... In that road.*"[12]

Infatti, meta immedjatament wara, rega' gie mistoqsi l-istess domanda, ix-xhud wiegeb hekk:-

"*I said I remember him when he was bearing me in that place near the Native and Bocco in that narrow place and when they collected together he was one of them.*"[13]

[12] Fol. 52.

[13] Fol. 52.

Meta rega' gie mistoqsi sussegwentement mill-Qorti biex jikkjarfika l-involviment tal-imputat f'kull wahda miz-zewg okkazzjonijiet separati li safa aggredit, ix-xhud qal hekk:-

"*... **the first one when I was attacked I was beating from my nose and my face,** because the second one when they attacked me I like was on the ground and was kept from my face, I kept and they kept I mean beating me with the safety shoes, with hands I was on ground but. ... **Yes, the first one did they were beating me in my face more, in my nose in my eye and he was one of them**.*"

Court: *"He was one of them?"*

Witness: *"Exactly and I'm sure about him.*"[14] [enfasi tal-Qorti]

Ix-xhud fisser ukoll illi huwa gharaf lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li aggredew lilu u lill-ohrajn dakinhar ghaliex "*I used to go there that club like I always go there and I know*."[15]

**Hu l-parte civile, Mohammed Elhadi Eldeeb**, xehed illi huwa ra *security gurards* hergin mhux biss mill-istabbilment Bar Native izda wkoll mill-istabbiliment ta' faccata. Dan ix xhud ikkonferma l-verzjoni ta' huh, il-parte civile, u qal illi kif nizlu t-tarag flimkien, baqghu gejjin ghalihom is-*security guards*. Qal ukoll illi **dak il-hin, huh kellu wiccu kollu demm ma jiflahx jigri u jimxi hafna**. Kompla jispjega illi meta huh wasal fl-entratura tal-garaxx, hu baqa' ghaddej izda kif ra illi l-persuni li kienu qed isegwuhom dahlu ghal huh u kieu qed ituh bis-*safety shoes*, huwa gibdu 'l barra u skont hu, salvah.

[14] Fol. 59.

[15] Fol. 59.

Mohammed Elhadi Eldeeb jghid ukoll li huwa gharaf lill-imputat bhala wiehed mill-persuni illi kienu qed jaghtu bis-sieq lil huh mhux biss fid-dahla tal-garaxx **izda wkoll mill-bidu nett**:-

Pros: *Min kienu dawn in-nies li qed isawtuh*?

Witness: *Is-security? **Dan fil-bidu huma hafna imma dan wiehed minnhom hu dan mill-bidu nett**.*

…

*X'kien l-involviment ta' dan ir-ragel?*

…

"***Dan mill-bidu kien maghhom** u anke meta hrabna kien warajna jigri u meta waqa' hija anke bis-safety shoes beda jtuh u hekk …. **Dan, dan wiehed minnhom kien jaghti, jaghti lil hija wiehed minnhom dan hu**. Dan wiehed mill-hafna.*"[16] [enfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami ta' dawn id-depozizzjonijiet il-Qorti tislet diversi konkluzjonijiet.

L-ewwel wahda hija dwar il-konsistenza distinta bejn il-verzjoni tal-parte civile u dik ta' huh, liema verzjoni hija sorretta wkoll mix-xhieda ta' Ibrahim Shabusha

[16] Fol. 82 – 85.

kwantu ghas-sekwenza tal-eventi, il-fatt li dawn it-tliet persuni sfaw aggrediti min-numru ta' *security guards* fit-triq quddiem l-istabbiliment Bar Native, u kif sussegwentement dawn l-istess *security guards* telqu jigru wara l-parte civile u huh. Tosserva illi l-verzjoni tal-parte civile hija wahda ezawrjenti u mizghuda b'dettall li ftit thalli dubju f'mohh il-Qorti dwar dak li attwalment sehh.

Dan b'kuntrast mat-testimonjanza tax-xiehda prodotti in difesa li, fil-fehma tal-Qorti hija wisq evaziva u taghti lok ghal wisq kongetturi kwantu dak li ghandu x'jaqsam mal-movimenti tal-imputat, biex tinghata piz. Il-konsistenza tat-testimonjanza tal-parte civile u x-xhieda okulari l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni, tikkuntrasta mhux ftit max-xhieda ta' Nicola Vella u Srdan Ibrahimpasic prodotti mid-difiza, liema xhieda fil-fehma tal-Qorti ftit tista' tinghata piz kwantu ghal dak li attwalment sehh. Dan ghaliex ghall-Qorti huwa evidenti li c-certezza tal-verzjoni ta' dawn ix-xiehda hija limitata ghall-fatt illi huma raw lill-imputat **biss** meta kien fil-bieb tal-istabbiliment Bacco's, u ghall-bqija, m'humiex kapaci jghidu x'involviment iktar kellu l-istess imputat, oltre li huwa manifest illi l-verzjoni taghhom hija mizghuda b'hafna suppozizzjonijiet u kongetturi. Tosserva illi ghalkemm entrambi x-xiehda jghidu illi huma ma kienux qeghdin mohhhom f'dak li kien qed jigri, xorta wahda kienu lesti jeskludu l-involviment tal-imputat f'xi parti mill-kommozzjoni.

Riferibbilment ghall-verzjoni ta' Nicola Vella, li tpoggi lill-imputat mal-bieb tal-istabbiliment Bacco's[17], il-Qorti ma hija xejn konvinta illi x-xhud verament setghet rat fejn mar l-imputat fil-kommozzjoni li, wara kollox, iddeskriviet hija stess b'dan il-mod:-

---

[17] Fix-xhieda taghha tat-18 ta' Ottubru 2018, ix-xhud semmiet l-istabbiliment Bar Native izda sussegwentement, fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, regghet xehdet biex tikkjarifika illi r-referenza ghal Bar Native li ghamlet fid-depozizzjoni precedenti taghha, kellha tkun referenza minflok ghall-istabbiliment Bacco's.

"*There were so many people. It's hard to say who was directly involved*."

Ftit wara, u b'referenza ghan-nies involuti fil-kommozzjoni, ix-xhud qalet ukoll:-

"*... they could have come from anywhere else because it was so crowded that its hard to say where they came from.*"

Ix-xhud xehdet ukoll li hija tahseb li l-imputat rega' dahal gewwa fl-istabbiliment Bacco's wara li s-*security guards* nizlu t-tarag wara xi persuni[18], u teskludi li l-imputat kien wiehed mill-*bouncers* li telaq jigri fit-triq principali ghaliex skont ix-xhud, kieku kienet taghrfu. Hi tghid hekk fir-rigward:-

"*He* ***might have been inside*** *but staying at the door. ...* ***At that moment I was not looking at the door***." [enfasi tal-Qorti]

Billi x-xhud qalet illi ma kienetx qieghda thares lejn il-bieb fejn allegatament kien qieghed l-imputat waqt li kienet qed issehh il-kommozzjoni, il-Qorti ssibha difficli tifhem kif f'dan l-isfond ix-xhud setghet teskludi b'certezza li l-imputat ma kienx wiehed mill-persuni li kienu involuti fil-glieda, li sawtu lill-parte civile u nizlu t-tarag jigru warajh.

[18] *"I think he went inside."*

Apparti li fil-fehma tal-Qorti l-verzjoni ta' Nicola Vella hija wisq incerta biex tissodisfa l-grad tal-probabbli, li huwa l-livell probatorju li trid tissodisfa l-verzjoni tad-difiza, ma tistax ma tirrimarkax illi ftit huwa spjegabbli kif l-imputat, li x-xhud iddeskriviet espressament li kien hemmhekk bhala *security guard*, ma kienx involva ruhu fil-glieda u baqa' wieqaf fejn il-bieb tal-istabbiliment Bacco's meta evidentement mill-provi jirrizulta illi hargu diversi *security guards* mill-istabbiliment Bacco's, fost stabbilimenti ohrajn, u meta l-glieda li fih wegga' l-parte civile kienet qed issehh proprju fid-djuq tat-triq bejn iz-zewg stabbilimenti u wkoll direttament quddiem l-imputat, u meta l-parte civile u huh gharfu b'mod katergoriku lill-imputat bhala wiehed mill-aggressuri.

Lanqas ix-xhieda ta' Srdan Ibrahimpasic ma hija bizzejjed biex tinstawra f'mohh il-Qorti xi dubju ragjonevoli dwar l-involviment tal-imputat fil-griehi li garrab il-parte civile, ghaliex huwa manifest illi din ix-xhieda hija vaga wisq[19] biex tinghata affidabbilita` dwar dak li verament kienet il-partecipazzjoni tal-imputat fil-fatt tal-kaz in dizamina. Fil-verita`, il-verzjoni ta' Srdan Ibrahimpaseci tikkuntrasta ma' dik ta' Nicola Vella ghaliex filwaqt illi Vella qalet illi l-imputat rega' dahal gewwa fl-istabbiliment ghal certu hin u mbaghad regghet ratu barra wara cirka ghoxrin minuta, ix-xhud l-iehor jghid illi l-ahhar li ra lill-imputat kien mal-bieb tal-istabbiliment, Bacco's. Il-Qorti tifhem illi kieku verament l-imputat rega' dahal gewwa fl-istabbiliment, dan ix-xhud - li wara kollox jghid li huwa kien gol-istess stabbiliment - kien jarah kif del resto rah fejn il-bieb. *Multo magis* jekk, kif qal ix-xhud stess, huwa kien bilqieghda b'wiccu jhares fid-direzzjoni generali tal-entratura tal-istabbiliment. Madanakollu, **huwa sinjifikanti illi kif dan ix-xhud ma qal xejn iktar dwar il-movimenti tal-imputat wara li rah fejn il-bieb**, kif lanqas ix-xhud Nicola Vella ma setghet tkun certa illi l-imputat ma harigx 'il barra mill-istabbiliment.

[19] *"As I said before I didn't, I was in front and I didn't see the fight, so I suppose the fight continued somewhere down, left or right, cannot see from the door. … [But Stefan was ] Still at the door"*.

Ikkunsidrat;

**Illi fl-istess hin izda, il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Nicola Vella u ta' Srdan Ibrahimpasic tpoggi lill-imputat fuq ix-xena tad-delitt fil-hin tad-delitt u torbot ukoll inezorabbilment lill-istess imputat mas-*security guards* li evidentement, u kif jirrizulta ampjament mill-provi, kienu involuti fit-tidrib tal-parte civile**.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tislet ukoll il-konkluzjoni mix-xhieda fuq ikkunsidrata, illi l-imputat gie adegwatament identifikat bhala **persuna li aggrediet lill-parte civile u kkagunatlu l-griehi f'imniehru u f'wiccu kif hareg mill-istabbiliment Bar Native** u beda jigi msawwat bid-daqqiet ta' ponn.

Kif rajna il-parte civile kkonferma kwazi b'mod inkonfutabbli illi fl-ewwel fazi tal-attakk, huwa qala' daqqiet f'wiccu, specifikatament f'imniehru u f'ghajnejh u illi l-imputat kien wiehed mill-persuni li sawtu f'dan l-istadju. Din il-verzjoni giet korroborrata pjenament minn huh.

In propositu tal-materja tal-identifikazzjoni tal-imputat, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[20], li ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-**

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Mejju 2016.

**Pulizija vs. Massimo Caruso**, deciza fis-17 ta' Marzu 2008 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, qalet hekk:-

*"Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Zammit*** *deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li:-*

*"Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid* ***x'mhux mehtieg*** *u mhux* ***x'inhu mehtieg".*** *Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*

*"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

*Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:-*

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification*

*parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni.*

…

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli* [in materja ta' identification parades] *ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli.*

Ikkunsidrat;

Din l-identifikazzjoni tal-imputat, oltre li hija wahda soda u konsistenti, hija msahha ulterjorment mill-fatt illi l-parte civile kien diga` gharaf lill-imputat precedentement meta, ftit inqas minn tliet gimghat wara l-incident huwa ra lill-imputat fl-istess stabbiliment li quddiemu sehh l-incident in dizamina. Fir-rigward, PS 850 Stefen Micallef xehed illi fit-8 ta' Ottubru 2016 ghall-habta tal-4.30 a.m. huwa kien akkumpanja lill-parte civile fl-istabbiliment Bacco's ghaliex infurmah illi proprju hemmhekk huwa kien ghadu kif identifika lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li kien involut fil-glieda fejn garrab il-griehi mertu tal-ewwel akkuza. Effettivament, skont dan ix-xhud, meta marru fl-istabbiliment in kwistjoni, il-parte civile indika lill-imputat li jirrizulta li kien Stefan Lekov.

Fir-rigward il-Qorti wara li rat l-okkorrenza esebita minn PC 373 Anthony Pace, hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-parte civile, wara li gie rilaxxat mill-istpar l-

ghada tal-incident, rega' dahal l-isptar hamest ijiem wara[21] u sussegwentement fid-29 ta' Settembru 2016 sabiex sarlu intervent kirurgiku f'imniehru u sussegwentement ghamel diversi granet, sat-3 ta' Ottubru 2016, rikoverat l-isptar[22]. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi tqis illi z-zmien li ghadda bejn l-incident u l-identifikazzjoni effettiva tal-imputat, ghalkemm lanqas jista' jitqies bhala wiehed konsiderevoli, huwa pjenament gustifikat fic-cirkostanzi u fl-isfond tal-fatt illi l-parte civile kien pjuttost inekwivoku fl-gharfien tal-imputat bhala wiehed mill-persuni li tah **bil-ponn f'wiccu meta kienu barra l-istabbiliment Bar Native** fil-milja tal-glied u kommozzjoni, il-Qorti ftit ghandha diffikolta` biex taghti affidabbilita` lill-identifikazzjoni maghmula mill-parte civile. Gharfien li sar ukoll minn hu l-parte civile, Mohammed Elahdi Eldeeb, li wkoll safa aggreddit fl-istess hin u identifika lill-imputat bhala l-persuna li fost persuni ohrajn, sawwat lil huh barra l-istabbiliment Bar Native.

In propositu, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fil-kaz celebri ta' **Turnbull**[23], li ttrattat il-materja tal-identifikazzjoni tal-imputat, u fejn gie ritenut illi meta l-kaz kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni wahda jew aktar tal-imputat li d-difiza tallega li m'humiex korretti, jehtieg kawtela kbira u ezami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u tac-cirkostanzi li fihom ikunu saru dawn l-identifikazzjonijiet, fosthom it-tip ta' vizwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-imputat, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iz-zmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija. F'dik id-decizjoni, intqal proprju hekk:-

---

[21] Bejn it-23 ta' Settembru 2018 u l-24 ta' Settembru 2018, Dok. FE2 fol. 67 *et seq*.

[22] B'referenza wkoll ghal dak li gie sottomess mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha dwar in-nuqqas tal-parte civile li jattendi ghal xi appuntamenti fl-Ghassa tal-Pulizija biex jghin fl-identifikazzjoni tal-persuni involuti fl-incidenti in dizamina, jirrizulta mill-imsemmija okkorrenza illi ghalkemm il-parte civile kien naqas milli jattendi ghal appuntament wiehed biss, l-ghada stess huwa kien mar l-Ghassa tal-Pulizija minn jeddu biex jirrapporta l-identifikazzjoni tal-imputat gewwa l-istabbiliment Bacco's.

[23] (1977) QB 224, citata f'Archbold, 1997, p. 1255-1256.

"*The visual identification of suspects or defendants by witnesses has long been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an honest witness to make a mistaken identification, even in some cases where the suspect is well known to him, and some evidence suggests that a confident identification is no more likely to be correct than a cautious or hesitant one.*

… … …

*In some cases, a witness may have qualified his identification by admitting that he was 'not quite certain', or was only '90 per cent sure'. A defendant cannot properly be convicted on qualified identification evidence alone (George [2003] Crim LR 282; Brown [2011] EWCA Crim 80). But as with other kinds of weak identification evidence, a qualified identification may have a legitimate role to play alongside other, more reliable, evidence."*[24]

Izda anke mizmum ferm dan l-insenjament, il-Qorti xorta wahda ma thossx li tista' legittimament twarrab u tiskarta l-verzjoni tal-parte civile u x-xhieda l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni dwar il-partecipazzjoni tal-imputat fil-griehi li garrab il-parte civile **talanqas fl-ewwel fazi tal-aggressjoni**, anke ghaliex ma hemm assolutament xejn fl-atti li tista' ddghajjef wisq inqas teskludi d-diversi istanzi ta' identifikazzjoni kategorika tal-imputat, *multo magis* meta l-presenza tieghu fil-lok tal-incident hija indiskussa. Evidentement, **l-identifikazzjoni tal-imputat ma gietx kwalifikata f'termini incerti** u ghalkemm il-filmati ma huma ta' ebda ghajnuna biex din l-identifikazzjoni tigi ulterjorment sorretta, il-Qorti kkunsidrat illi din ma kienetx l-ewwel darba li l-parte civile kien ra lill-imputat. Kif xehed fir-rigward, huwa jiffrekwenta l-istabbiliment in kwistjoni regolarment u identifika lill-imputat bhala wiehed mill-aggressuri tieghu, inqas minn tliet gimghat wara l-

[24] Ara Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed.

incident, oltre illi jekk huwa minnu illi l-imputat tah bil-ponn u sawtu, huwa ovvju li fic-cirkostanzi ma kienx hemm distanza bejnu u bejn il-parte civile li setghet b'xi mod toskura l-vizwali.

Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **The Executive Police vs Bernard Pintaric**, fejn intqal hekk:-

"*Of course, this Court is not holding that the identification of a person should always be discarded. No textbook on Evidence says this and a person may be convicted on the identification by another person if the Court is convinced that the identification is a reliable one. This even more so when the identification is corroborated by other evidence.*"[25]

Ikkunsidrat ulterjorment;

Il-Qorti, mizmum ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmula, tqis illi l-presenza tal-imputat fuq ix-xena tal-glieda u l-involviment tieghu fil-glied li wassal ghall-griehi kkagunati fuq il-persuna tal-parte civile, gew ippruvati lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Wiehed irid jiftakar illi mhux kull dubju huwa dubju ragjonevoli u f'dan il-kaz il-Qorti ma temminx illi, meta konfrontata mal-verzjoni mill-iktar konsistenti tal-parte civile u ta' huh, it-testimonjanza tax-xiehda in difesa isservi biex jinholoq dubju ragjonevoli f'mohh il-Qorti illi l-imputat ma kienx effettivament involut fl-attakk fiziku li sar fuq il-parte civile u illi kellu partecipazzjoni attiva fl-aggrediment li kollettivament wassal ghall-griehi sofferti minnu.

[25] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fid-19 ta' Ottubru 2005.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[26], gie ribadit illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju, ghaliex id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, kif ghamlet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena msemmija, iccitat dak li qal **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[27] tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Ikkunsidrat;

Madanakollu, wara li qieset bir-reqqa x-xhieda, il-Qorti filwaqt li hija konvinta dwar l-identifikazzjoni tal-imputat u l-involviment tieghu fis-swat li jidher li garrab il-parte civile **barra l-istabbiliment Bar Native gewwa St. Rita Steps**, tqis illi

[26] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

[27] 1974 - 2 ALL ER 372.

m'hijiex moralment konvinta illi l-imputat gie identifikat b'mod sodisfacjenti bhala l-aggressur tal-parte civile meta dan tal-ahhar qal li gie aggredit fl-entratura tal-garaxx wara li kien harab minn fuq il-post fejn kienet bdiet il-glieda. Biex waslet ghal din il-konkluzjoni il-Qorti hadet qies tal-fatt illi kif fisser il-parte civile nnifsu, fil-hin meta kien qed jipprova jahrab mill-aggressuri tieghu, huwa kien diga` sofra griehi f'wiccu u f'ghajnejh tant illi jghid li dak il-hin ghajnejh kienu maghluqin u kellu jigi gwidat minn huh. Fathi Elhaidi Eldeeb spjega wkoll illi meta lahquh l-aggressuri tieghu u attakkawh fl-entratura tal-garaxx, id-daqqiet tas-sieq li qala' huwa hasshom pjuttost milli rahom jigu inflitti u dan minhabba li kien qed jghatti wiccu.

Il-Qorti lanqas tista' twarrab il-fatt illi skont l-allegat vittma nnifsu, huwa kien qed jigi aggredit u segwit minn mhux inqas minn ghaxar persuni, u tenut kont ukoll tal-istat li kien jinsab fih l-istess allegat vittma, deskritt minnu stess, bil-griehi li qal li kien diga` garrab f'wiccu u f'ghajnejh, u fl-isfond tac-cirkostanzi kollha, ma tqisx li tista' taghti affidabbilita` lill-identifikazzjoni tal-imputat fost il-persuni li aggredewh fil-post indikat fir-ritratt Dok. FE1 a fol. 61.

Mizmum ferm il-premess, il-Qorti hija ghalhekk moralment konvinta illi **l-imputat, flimkien persuni ohrajn, aggredixxa lill-parte civile barra l-istabbiliment Bar Native izda mhux iktar tard fil-post deskritt bhala entratura ta' garaxx**.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti siltet konkluzjoni ohra mill-analizi tal-provi mressqa f'dan il-kaz: cioe` illi l-parte civile kien diga` gie aggredit u wegga' f'wiccu u f'imniehru **waqt li kien ghadu quddiem l-istabbiliment Bar Native fit-tarag**, fejn identifika pozittivament lill-imputat bhala l-persuna li aggredih, u dan qabel telaq jigri minn fuq il-post u allegatament rega' gie aggredit. Mix-xhieda tal-istess parte civile u ta' huh Mohammed Elahdi Eldeeb, jirrizulta sodisfacjentement illi f'dak il-punt, bhala effett ta' dak is-swat li ppartecipa fih l-imputat, il-parte civile kien diga` garrab griehi f'ghajnejh u mniehru tant illi jirrizulta illi meta kienu qeghdin jigu segwiti minn ghadda ta' bouncers, il-parte civile kellu wiccu kollu demm.

Il-griehi li gew sofferti mill-parte civile gew ikkostatati ftit hin biss wara l-incident minn Dr Hien Lee, li xehdet illi meta hija ezaminat lil Fathi Elhaidi Eldeeb fit-18 ta' Settembru 2016 fis-6.00 a.m. ikkostatat griehi fl-imnieher kif ukoll fl-ghajnejn, xofftejn u snien l-allegat vittma, liema griehi jikkonsistu *inter alia* f'*nasal bone fracture; laceration over bridge of nose;* nefha fl-ghajn ix-xellugija u ticrit taht l-istess ghajn.

Il-Qorti wara li rat il-provi u qieset ix-xhieda tal-parte civile kif ukoll ta' huh Mohammed Elhaidi Eldeeb, hija konvinta, kif gia` nghad, illi **l-griehi fuq wicc il-parte civile, specifikatament fl-ghajn u l-imnieher, kienu gew inflitti diga` meta kien gie aggredit fit-tarag quddiem l-istabbiliment Bar Native**. Dawn iz-zewg xiehda kienu ferm konsistenti fil-verzjoni taghha dwar il-kundizzjoni tal-parte civile u l-griehi li kellu meta kienu qeghdin jaharbu mill-aggressuri taghhom. Fid-depozizzjoni tieghu, il-parte civile fisser hekk:-

"*... the first one when I was attacked I was beating from my nose and my face ... the first one did they were* ***beating me in my face more, in my nose in my eye and he was one of them****."* [enfasi tal-Qorti]

Imbaghad qal:-

"*… because the second one when they attacked me I like was on the ground and was kept from my face.*"

Mohammed Elhadi Eldeeb xehed illi meta baqghu gejjin is-*security guards* ghalihom, "*hija kien* **wiccu kollu demm** *ma jiflahx jigri u jimxi hafna, bdjet nghinu jien…*" [enfasis tal-Qorti]

Il-griehi subiti mill-parte civile fuq imniehru konsistenti **f'cikkatrici fuq l-ghadma tal-imnieher bhala rizultat tal-frattura tan-*nasal bone***, gew deskritti mill-espert mediko-legali mahtur mill-Qorti, Dr. Mario Scerri, bhala **lezjoni ta' natura gravi *per durata***.

Fl-assjem tal-provi u l-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti tqis li huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imsemmija **griehi f'imnieher il-parte civile gew inflitti meta qala' daqqiet bil-ponn fuq imniehru barra l-istabbiliment u dan, kif rajna mill-imputat, fost persuni ohrajn, li kellu sehem attiv fil-kagunar tal-griehi subiti minn Fathi Elhadi Eldeeb meta aggredih u tah bid-daqqiet ta' ponn barra l-istabbiliment Bar Native**.

**<u>L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet</u>**

Madanakollu, f'dan l-istadju l-Qorti trid tistabbilixxi jekk il-htija tal-imputat ghall-griehi li sofra l-parte civile f'imniehru, tinkwadrax fir-reat taht l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9, senjatament is-subinciz (1)(b) tal-istess Artikolu, jew inkella taht l-Artikolu 237(c) jew l-Artikolu 238 tal-istess Kapitolu 9.

Qabel xejn il-Qorti tqis illi ghandha teskludi mill-ewwel l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 238 ghall-fatti li jinsab mixli bihom l-imputat, ghaliex huwa manifest illi mhux talli ma jirrizultax li sehhet rewwixta fis-sens imfiser minn dan il-provvediment legali, talli f'kull kaz ma hemm ebda prova kwalsiasi illi kien l-imputat illi ta bidu ghall-glieda, wisq anqas li ghamel dan bil-hsieb li jaghmel offiza fuq il-persuna tal-parte civile. Kif rajna, il-kommozzjoni u glied kienu diga` nibtu sew qabel hareg mill-istabbiliment l-istess parte civile, u ma hemmx prova sodisfacjenti dwar il-partecipazzjoni tal-imputat f'din il-kommozzjoni qabel effettivament beda jigi aggredit Fathi Elhadi Eldeeb.

Fl-istess waqt, il-Qorti lanqas ma hija konvinta illi d-daqqa jew daqqiet f'wicc il-parte civile li wasslu ghall-ksur ta' mniehru, kienu necessarjament u effettivament dawk id-daqqiet ta' ponn jew tas-sieq li, kif stabbilit, gew inflitti l-imputat. Ghaldaqstant, ma tqisx illi tista' ssib htija fl-imputat ghar-reat taht l-Artikolu 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, liema reat jehtieg li jigi stabbilit fil-grad rikjest fil-kamp kriminali, li huwa l-imputat li effettivament ikkaguna l-offizi gravi sofferti mill-vittma. Din il-konkluzjoni kategorika l-Qorti ma thossx li tista' tasal ghaliha mill-provi akkwiziti fl-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 237, dan l-Artikolu jipotetizza r-reat ta' omicidju jew offiza fuq il-persuna waqt glieda accidentali, fil-kaz ta' persuna li jkun ha sehem attiv fi glieda accidentali izda ma jinsabx min kien l-awtur tal-omicidju jew tal-offiza. Kif ritenut fis-sentenza gia` citata fl-ismijiet **The Executive Police vs. Bernard Pintaric**, l-element kostituttivi tar-reat taht l-Artikolu 237 huma essenzjalment (i) l-ezistenza ta' glieda accidentali, (ii) persuna li tippartecipa attivament f'din il-glieda, (iii) nuqqas ta' gharfien dwar min attwalment huwa responsabbli ghall-offizi gravi li jigu kkagunati, sew jekk l-offizi jkunu jwasslu ghall-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 kif ukoll jekk ma jwasslux ghal dawn il-konsegwenzi, u (iv) il-*mens rea* li jikkommetti r-reat.

Kwantu ghall-ewwel element, jigi osservat illi l-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali ma jaghti ebda definizzjoni tal-glieda accidentali illi evidentement huwa wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat. Il-verzjoni Ingliza tal-Kodici tuza l-kelma '*accidental affray*'. In propositu l-Antolisei jghid hekk:-

*"Per l'esistenza della rissa, non basta basta un semplice alterco fra piu' persone: occorre che vi siano una mischia violenta con vie di fatto. Per quanto nomalmente essa si concreti in una collutazione, il corpo a corpo non e' indispensabile, potendosi la zuffa svolgere a distanza, mediante lancio di sassi, colpi di rivoltella, ecc. Non si essige un effettivo turbamento dell'ordine pubblico. Si discute sul numero minimo di persone indispensabili per l'esistenza di questo delitto, il quale senza alcun dubbio appartiene alla larga categoria dei reati plurisoggettivi. Alcuni autori ritengono che siano sufficienti due persone e in questo senso si e' pronunciata varie volte la Cassazione. A nostro avviso, pero', e' preferibile*

*l'opinione di quegli sctittori che considerano la partecipazione di almeno tre persone."*[28]

Fil-kaz odjern, jirrizulta ampjament mill-provi u huwa del resto inkontestat, illi kien hemm glieda f'San Giljan fiz-zona ta' Paceville fit-18 ta' Settembru 2016 fil-hin indikat fic-citazzjoni, liema glieda kif gia` stabbilit, ma jirrizultax li tqajmet mill-imputat, izda jirrizulta li fiha ippartecipaw ferm iktar minn zewg persuni.

Kwantu ghat-tieni element, diga` gie determinat illi l-imputat ippartecipa attivament f'din il-glieda billi gie stabbilt b'mod sodisfacjenti illi huwa aggredixxa u ta daqqiet ta' ponn f'wicc il-parte civile quddiem l-istabbiliment Bar Native tant illi l-parte civile dak il-hin kien indarab f'wiccu u f'imniehru. Ghalkemm huwa stabbilit illi kien hemm persuni ohrajn li aggredixxu u sawtu lill-parte civile u ghalhekk ma jistax jinghad b'certezza illi kienu l-azzjonijiet tal-imputat illi attwalment wasslu ghall-ksur ravvizat, is-sehem attiv tal-imputat gie ampjament u sodisfacjentement ippruvat, kif diga` kkunsidrat *ad extenso* iktar qabel.

It-tielet element, cioe` l-element tal-griehi gravi ukoll gie ppruvat skont il-ligi u fil-fehma tal-Qorti jirrizulta illi l-griehi sofferti mill-parte civile f'imniehru huma gravi fis-sens imfisser mill-Artikolu 237(c), li jikkontempla offiza gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218. Effettivament, dawn il-griehi jikkonfiguraw minghajr dubju bhala mankament jew sfregju fil-wicc izda mhux bhala mankament jew sfregju gravissimu. Ghalkemm huwa minnu illi Dr. Mario Scerri ikklassifika c-cikkatrici fl-imnieher bhala gravi *per durata*, fil-fehma tal-Qorti anke wara li rat ir-ritratti mehmuzin mar-rapport tal-espert mediko-legali, ma tqisx illi l-gravita` tal-isfregju fl-imnieher tal-parte civile huwa tal-kalibru tal-bqija tal-offizi ipotetizzati fl-imsemmi Artikolu 218, li evidentement jikkontemplaw

[28] Antolise F. Manuale di Diritto Speciale Parte Speciale – 1 pagina 107.

konsegwenzi ferm iktar serji minn dawk li garrab il-parte civile. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju ma akkuzax lill-imputat bir-reat taht l-Artikolu 218 tal-Kap. 9

Kwantu ghall-element tal-*mens rea*, il-Qorti tqis bhala mhux siewja s-sottomissjonijiet maghmula mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fir-rigward. Huwa ampjament ippruvat illi l-imputat ta daqqiet bil-ponn u biz-zarbun lill-parte civile quddiem l-istabbiliment Bar Native. In-natura tal-attakk kif ukoll l-aggressjoni fl-azzjonijiet tal-imputat kif deskritti mill-parte civile u x-xhieda okulari l-ohra li gew prodotti mill-proskeuzzjoni, juru hsieb pjuttost manifest illi tigi inflitta hsara fuq il-persuna tal-parte civile u mhuwiex attendibbli t-tezi li l-griehi sofferti mill-parte civile quddiem l-istabbiliment, setghu kienu kkagunati accidentalment, meta l-provi juru illi d-daqqiet li qala' l-parte civile direttament minghand l-imputat kienu **daqqiet bil-ponn u biz-zarbun**. F'din ix-xorta ta' azzjoni huwa difficli li jigi ipotetizzat illi l-element tal-*actus reus* ma kienx akkumpanjat mill-*mens rea* mehtieg biex jigu inflitti dawn l-griehi effettivament sofferti mill-parte civile, u fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, mill-*mens rea* biex tigi inflitta hsara generali.

Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo jghid hekk[29]:-

*"To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely* "*animus nocendi*"*, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. ... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is*

[29] Pagna 225.

*to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle* "*dolus indeterminatus determinatur ab exitu*."

Ikkunsidrat;

Illi d-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha[30], sostniet illi kien il-parte civile u shabu illi pprovokaw il-glieda li wasslet ghall-griehi subiti mill-parte civile. Izda wara li qieset il-provi, il-Qorti tqis illi dan l-argument mhux f'loku. Qabel xejn, ghandu jinghad illi l-unika ipotesi ta' skuzanti li tista' ssib riskontru fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, hija dik kontemplata fl-Artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9, li tesigi illi l-hsara gravi ssir minn persuna fil-waqt li tkun taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*... biex provokazzjoni tkun tista titqies bhala skuzanti, trid tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-proviso ta' l-Artiklu 227 (c). Fost dawn ir-rekwiziti li l-provokazzjoni trid tkun tali "li f'nies ta' temperament ordinarju komunament iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu[31], jghid illi "*the test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of*

[30] Paragrafi 16 u 17 tan-nota ta' osservazzjonijiet tad-difiza.

[31] Pagna 241.

*ordinary temperament, of his self-control, not whether it was sufficient to deprive of his self-control the particular person charged*".

Izda jibqa' l-fatt illi fil-kaz odjern, ma tirrizulta bl-ebda mod mill-provi, u effettivament, hadd ma xehed illi l-parte civile agixxa b'xi mod li seta' pprovoka rejazzjoni bhal dik li ddeskrivew l-istess parte civile u l-persuni l-ohrajn li kienu fil-kumpannija tieghu dakinhar. Ibrahim Shabusha xehed illi **anke qabel lahaq hareg il-parte civile** minn gewwa l-istabbiliment, huwa kien diga` beda jigi aggredit minn *security guard* u diga` kienu nghaqdu numru ta' *bouncers* minn diversi stabbilimenti, tant illi kif hareg il-parte civile u pprova jitkellem, wiehed minn dawn il-*bouncers* mill-ewwel beda jsawtu u xehtu mal-art. Effettivament, ma jidhrix li gie rapportat li xi hadd garrab xi griehi inflitti mill-parte civile jew minn shabu u lanqas jirrizulta mill-provi illi dawn l-imsemmija persuni kienu qed igorru xi arma jew strument iehor.

Dak li huwa cert huwa li m'hemm ebda hjiel ta' prova li l-parte civile aggredixxa, ipprovoka jew stieden lil xi hadd ghal glied. Il-Qorti fehmet illi meta l-parte civile qal li tella' idejh meta hareg mill-istabbiliment, dan ghamlu biex jilqa' b'idejh id-daqqiet u swat li qal li diga` kienu qed jaqilghu huh u siehbu dak il-hin. Ghalkemm Alan Mizzi xehed[32] illi l-persuna li huwa kecca minn gol-istabbiliment Bar Native beda jhedded lilu kif ukoll lis-*security guards* "*b'sinjali illi jrid jaqtaghlna rasna*", huwa ma identifikax lil din il-persuna bhala l-parte civile u lanqas jirrizulta illi huwa personalment u direttament ra jew sema' lill-parte civile jaghmel xi mossi ta' theddid.

Dan stabbilit, huwa wisq evidenti illi fil-kaz in dizamina, fin-nuqqas ta' ebda prova kwalsiasi dwar xi agir provokanti tal-parte civile, dan l-iskuzanti ma jistax jghodd.

[32] Fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2017.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

L-allegazzjoni, mertu tar-raba' imputazzjoni, illi l-imputat kien qed jahdem bhala *security guard*, ukoll jirrizulta li giet ippruvata sodisfacjentement. Ghalkemm huwa minnu illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx bhala xhud rapprezentant jew dirigent tal-istabbiliment li kien jahdem fih l-imputat, Nicola Vella fix-xhieda taghha kkonfermat illi l-imputat kien qed jahdem fl-istabbiliment Bacco's. Fuq mistoqsija tal-Qorti hija wiegbet hekk:-

"*He was working at Native not at Baccos. ... working as security.*"

Maghdud dan, hemm ix-xhieda ta' PS 850 Stefen Micallef illi akkumpanja lil Fathi Elhadi Eldeeb fit-8 ta' Ottubru 2016, ftit inqas imnn tliet gimghat wara l-incident, fl-istabbiliment Bacco's gewwa St. Rita Steps, Paceville u hemmhekk skont ix-xhud sab lill-imputat li huwa ddeskriva bhala "*bouncer*".

Fil-fehma tal-Qorti, wara li gie stabbilit ukoll sodisfacjentement mill-provi illi l-imputat kien qieghed effettivament fl-istabbiliment Bacco's u kien ukoll il-persuna jew wiehed mill-persuni li aggredixxu lill-parte civile u kkagunawlu griehi f'wiccu, hemm provi ta' kalibru bizzejjed biex jikkonvincu lill-Qorti illi l-imputat verament kien qed jahdem bhala *security guard*, maghdud ukoll id-deskrizzjoni li taw Ibrahim Shabusha, Mohammed Elhadi Eldeeb kif ukoll Nicola Vella[33] tal-

[33] *"Then I noticed whom I assumed were bouncers. They left the establishment and they were outside and they started like a fight."* – fol 232. Fissret ukoll illi hija gharfet lil dawn il-persuni bhala *bouncers* minn hwejjighom

persuni involuti fil-glieda fejn identifikaw is-*security guards* involuti fil-glieda ghaliex kienu lebsin l-iswed u jew kellhom radio jew microphone.

Wara li rat ukoll ix-xhieda ta' PS1157 Bertie Aquilina[34] li kkonferma illi l-imputat ma ghandux u qatt ma applika lanqas biex ikollu licenzja ta' *private guard* ta' ebda kategorija, kif ukoll wara li rat id-definizzjoni tas-servizzi ta' gwardjan privat ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 389 u l-htiega li, skont l-Artikolu 3 tal-istess Kap. 389, persuna li tahdem jew toffri s-servizzi taghha bhala gwardjan privat, ikollha licenzja, il-Qorti ftit ghandha rizervi biex tikkonkludi illi l-imputat ghandu jinsab hati tar-raba' imputazzjoni.

**<u>Il-Hames Imputazzjoni</u>**

L-imputat gie mixli wkoll illi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied. Hawnhekk, ghalkemm ma hemmx prova illi effettivament l-imputat ghajjat b'mod illi kiser il-paci u bon ordni pubblika, diga` gie stabbilit illi huwa ppartecipa b'mod attiv fil-glieda li nqalghet fit-tarag maghruf bhala St. Rita Steps, gewwa Paceville, fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni. Il-Qorti kkostatat illi l-azzjonijiet tal-imputat u ta' persuni ohrajn wasslu ghall-isfregju fil-wicc tal-parte civile, u dan waqt il-glieda li nqalghet quddiem l-istabbiliment Bar Native, liema glieda tat lok ghal kommozzjoni sostanzjali fost il-persuni prezenti fil-lok in kwistjoni. Dan jirrizulta mix-xhieda fost ohrajn ta' Nicola Vella li xehdet hekk fir-rigward:-

---

ghaliex kollha kienu lebsin l-iswed. Dan jikkombaccja ma' dak li xehdu l-parte civile u huh illi l-*bouncers* li hargu mid-diversi stabbilimenti kienu kollha lebsin l-iswed.

[34] Xhieda 19 ta' Ottubru 2017.

"*... there seemed to be a lot of commotion coming out of the bar opposite ... And in one moment I noticed people starting to look, there was some commotion happening opposite and like everybody else I started looking in that direction. And I noticed some people were leaving the establishment. ... Because there was something unusual which called people's attention in the sense that a lot of people left the place, people were moving back... I think it was almost like a fight almost a people being like moving out of the way.*"

Fil-fehma tal-Qorti, din il-verzjoni, maghdud maghha x-xhieda ta' Srdan Ibrahimpasic[35] li ddeskriva kif is-siehba tieghu ma kienetx qed thossha komda minhabba l-glieda li kienet ghaddejja barra l-istabbiliment, u l-fatt illi indubbjament din il-glieda sehhet f'lok pubbliku, ftit jista' jkun hemm dubju illi din il-glieda kisret il-bon ordni u paci pubbika.

Il-Qorti ma tqisx bhala siewja t-tezi tad-difiza illi gewwa post storbjuz fosthom postijiet ta' divertiment fejn wiehed isib daqq ta' muzika b'volum gholi kif ukoll diversi nies migmughin, ma jistax jigi ipotetizzat ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(d). Din ix-xorta ta' storbju m'huwiex u ma jista' qatt ikun ekwiparabbli mal-istorbju u kommozzjoni li jinholqu waqt glieda, *multo magis* glieda fejn qed jissawtu persuni minn *security guards* fil-presenza ta' diversi nies gewwa post tad-divertiment, u dan proprju ghaliex ir-reat previst mill-Artikolu 338(dd) jikkontempla xi haga oltre storbju kwalsiasi. Ghaldaqstant, dan ir-reat ma jistax jigi mfisser biss bhala ksur tal-paci fis-sens litterali tal-kelma, izda wkoll, u iktar sinjifikanti minn hekk, bhala ksur tas-sens ta' inkolumita` tal-persuna. Huwa pacifikatament ritenut illi meta, ikkunsidrati c-cirkostanzi partikolari tal-kaz in

[35] Xhieda tat-13 ta' Novembru 2018.

dizamina, l-ghemil volontarju ta' persuna, f'dan il-kaz l-imputat, iwassal biex jipprovoka rejazzjoni f'persuna ohra jew iqajjem sens ta' disturb jew thassib dwar l-inkolumita` fizika ta' dik il-persuna l-ohra, jissussistu l-elementi mehtiega tar-reat kontravvenzjonali in dizamina.

Kif gia` rajna, din il-glieda, li fiha kien involut l-imputat b'mod attiv tant illi kif gie stabbilit, huwa aggredixxa, flimkien ma' perusni ohrajn, lill-parte civile u tah bil-ponn u bis-sieq, nisslet certu grad ta' disturb u thassib fil-persuni li kienu prezenti, tant illi minkejja l-atmosfera diga` storbjuza tal-inhawi in kwistjoni, jirrizulta li diversi nies xorta wahda telqu mil-lok tal-kommozzjoni. Din il-kommozzjoni u r-rejazzjonijiet ghaliha tal-persuni prezenti, jirrizultaw ukoll sa certu punt mill-fotogrammi esebiti bhala parti mir-rapport tal-espert Dr. S. Farrugia Sacco[36]. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra ssib htija fl-imputat ukoll ghal dan ir-reat kontravvenzjonali.

## Decide

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ma ssibx lil STEFAN LEKOV hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara illi rat l-Artikoli 17, 237(c), 338(dd) u 533 tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 3 u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-istess STEFAN LEKOV hati tat-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjoni u tikkundannah prigunerija ghal zmien xaharejn izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tnax-il (12) xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tikkundanna wkoll lill-istess STEFAN LEKOV ghall-hlas ta' multa fis-**

[36] Fol. 137 *et seq.*

**somma ta' mitejn Euro (€200) kif ukoll, sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna ta' Fathi Elhadi Eldeeb u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, torbot ukoll lil STEFAN LEKOV b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali fis-somma ta' mitejn Eur (€200) ghal zmien sena mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lil STEFAN LEKOV ihallas ukoll is-somma komplessiva ta' mitejn u tletin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€230.78) lir-Registratur tal-Qorti, rapprezentanti sehem ta' terz (1/3) mill-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri cioe` Dr. Stephen Farrugia Sacco u Dr. Mario Scerri[37].**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[37] Dr. Stephen Farrugia Sacco (Dok. SFS1 – €402.14) u Dr. Mario Scerri (Dok. MS1, €290.20), total ta' €692.34.